MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 996/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Borg)
vs
Bernardette Xuereb, bint Charles,
imwielda Pieta' fis-7 ta'
novembru, 1986

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, u cioe' fix-xahar ta' ottubru, 2005 u fil-granet u ix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. ikkomettiet serq ta' aktar minn Lm100 iżda anqas minn elf lira maltija (Lm1,000) għad-dannu ta' Maria Carmela Bellizzi liema serq hu aggravta bil-valur;

2. sab`x tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;
3. talli ffalsifikat ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' l-oġġetti, jew jiġbor depożitu, jew rahan minn offiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
4. talli xjentement għamlet użu minn ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni ta' qabel;
5. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' inqas minn Lm1,000 għad-dannu tas-Segretariat Assistenza Soċjali u persuni oħra;
6. approprjat ruħha billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha, fil-kapaċita' tagħha bħala prokuratur taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' approprjat ruħha minn flejjes miġbura liema flejjes jammontaw għas-somma ta' anqas minn Lm1,000 liema flejjes huma tas-Segretariat Assistenza Soċajli u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu speċifiku, u dan minħabba l-profesjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depożitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' novembru, 2005 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 261(ċ), 267, 279(a), 167(1), 169, 188, 189, 293 u 309 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor, fi żmien erba' snin mil-lum, li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------